**Kunsill Lokali**
**ĦAL GĦAXAQ**

# RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV 2018

*imhejji minn Fiona Said,* ***Segretarju Eżekuttiv***

## *Introduzzjoni*

Dan ir-rapport amministrattiv ikopri l-ħidma għall-perjodu ta bejn l-1 ta' Jannar 2018 u l-31 ta' Diċembru 2018 u għaldaqstant jagħti rendikont tal-ħidma tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret mill-Kunsill Lokali flimkien mal-proġetti ppjanati għas-sena 2019.

Il-Kunsill tagħna għal sena oħra reġa' kellu programm sħiħ ta' xogħlijiet fil-qasam ta' manutenzjoni, xogħlijiet infrastrutturali u tisbieħ tal-lokalita'. Il-Kunsill dejjem jipprova jagħmel mill-aħjar biex bir-riżorsi u l-fondi allokati lilu mill-Gvern Ċentrali jaqdi il-prioritajiet u l-eżigenzi tal-lokalita'.
Ta' Kull sena l-akbar sfida li jaffaċċja l-Kunsill tibqa li jizgura li jkompli joffri s-servizzi kollha ezistenti filwaqt li jkompli joffri servizzi oħra ġodda.

L-Uffiċċju Amministrattiv huwa kompost minn:

| ***Impjegati*** | |
|---|---|
| Fiona Said | ***Segretarju Eżekuttiv*** |
| Donna Mallia | ***Assistent Prinċipal*** |
| Shaun Spiteri | ***Skrivan*** |

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV *2018*

Matul din is-sena saru 16-il laqgħa mal-Kunsilliera tas-Seba' Leġislatura fejn l-attendenza għal laqgħat tal-Kunsill kienet waħda tajba.

| *Is-Seba' Leġislatura*<br>*Minn April 2013* |
|---|

| | |
|---|---|
| Darren Abela | ***Sindku*** |
| Emanuel Vassallo | ***Viċi Sindku*** |
| Rose Agius | ***Kunsilliera*** |
| Keith Fenech | ***Kunsillier*** |
| Marianne Schembri | ***Kunsilliera*** |
| Fiona Said | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

| ***Attendenza għal-Laqgħat tal-Kunsill***<br>***Jannar-Diċembru 2018*** |
|---|

| **Laqgħat Nru. 77-90** | **Darren Abela** | **Emanuel Vassallo** | **Rose Agius** | **Keith Fenech** | **Miriam Schembri** |
|---|---|---|---|---|---|
| Attendenza | 15/16<br>1 skużat | 15/16<br>1 skużat | 13/16<br>3 skużata | 15/16<br>1 skużat | 13/16<br>3 skużata |
| **Laqgħa tal-lokalita' 15/02/2018** | 1/1 | 1/1 | 1/1 | 1/1 | 1/1 |

Il-Kunsill kellu wkoll l-għajnuna ta' żewġ ħaddiema ta' l-*RSS* li jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni fil-lokalita' kif ukoll ħaddiema tal-*Community Workers Scheme Enterprise Foundation* mal-Kunsill Lokali fejn komplew jgħinu fit-tisħiħ infrastrutturali kif ukoll jieħdu ħsieb il-ġonna, knis ta' toroq, tindif tal-uffiċini, tal-berġa u l-librerija, tindif u attendenza ta' latrini pubbliċi u jwettqu xi xogħol ieħor li jiġi assenjat lilhom.

L-allokazzjoni Finanzjarja għal din is-sena żdiedet fejn qed tammonta €354,433 li kienet maqsuma kif indikat hawn taħt:-

- *Parks*, Gonna u *Soft Areas* € 13,961.90
- Manutenzjoni ta' Toroq Rurali, Urbani u Knis € 139,849.56
- Immaniġġjar tal-Iskart € 87,348.32
- Nefqa għall-Amministrazzjoni € 93,568.58
- Ammont allokat għal *tipping fees* € 19,704.00

## Organizzazzjonijiet

Il-Kunsill Lokali baqa' jżomm relazzjonijiet tajba mal-Għaqdiet tal-qasam tal-voluntarjat fir-Raħal u entitajiet oħra li huma parti essenzjali fil-ħidma ta' kuljum tagħna, inkluż dawk li ma humiex fl-istess lokal.

## Ħidma Ġenerali

Il-Ħidma tal-Kunsill Lokali tibqa' konsistenti sena wara oħra bla ebda waqfien.

Insemmu dak li sar f'Ħal Għaxaq mill-Kunsill għaliex f'dak kollu li sar kien hemm strateġija sabiex l-ewwel jitwettqu l-prijoritajiet, u ma jsirx infieq bla bżonn jew iżjed milli meħtieġ.

Ix-xogħol primarju tal-Kunsill hu dejjem għall-istess għan, għalkemm bil-finanzi ma jkunx dejjem possibbli li jsir dak kollu li wieħed jixtieq. Ta' kull sena l-ammont sostanzjali tal-fondi jkunu allokati fuq kuntratti speċifiċi.

Il-Kunsill kontinwament jagħmel laqgħat m'entitajiet governattivi u privati biex b'kollaborazzjoni mal-Kunsill isiru proġetti li finanzjarjament ikunu jinvolvu ammont sostanzjali ta' flus. Il-proġett tal-Bandli fi Triq il-Gudja kantuniera ma' Triq iċ-Ċeppun u Triq il-Gardell nistgħu ngħidu li wasal fil-fażi sabiex jinbeda x-xogħol fih. Dan il-proġett hu ppjanat sabiex jitlesta fl-ewwel xhur ta' 2019. Sa fl-aħħar ir-residenti se jingħataw ambjent xieraq b'bandli attrezzat u mgħammar bl-aħjar tagħmir ta' logħob u post ta' rikreazzjoni.

## Saħħa

Bħal kull sena l-Kunsill ħa ħsieb li jerġa' jagħti t-Tilqima ta' kontra l-Influwenza bil-kollaborazzjoni tal-ispiżeriji ewlenin fil-lokalita'. Il-Kunsill jipprova dejjem ikompli jtejjeb is-servizzi li toffri l-Berġa tal-lokal u qed inkompli ntejbu dan is-servizz għall-benefiċċju tar-residenti tagħna. Ta' kull sena l-Kunsill, bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru tas-Saħħa, qed jipprovdi s-servizz ta' *mobile dental unit* lir-residenti.

## *ĦIDMA U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI 2018*

Il-ħidma tal-Kunsill f'dan il-qasam issoktat b'xogħolijiet ta' *patching*, tisbiħ ta' bankini, riffriskar ta' żebgħa tat-toroq, qtugħ ta' ħaxix u żamma ta' żoni pubbliċi, żbir ta' siġar, tabelli tat-toroq u mantenzjonijiet fejn kien hemm il-ħtieġa li saru minn ħaddiema assenjati mal-Kunsill Lokali. Bħala proċedura ta' kull sena ħadna ħsieb it-tindif tal-*water culverts* ta' madwar il-lokal.

Din is-sena wkoll inbeda xogħol ta' *resurfacing* ta' toroq rurali taħt il-fond Ewropew b'Miżura 4.3, fi Triq Ħas Saptan u Triq Carmelo Rosario Dimech. Fejn din tal-aħħar tlestiet, filwaqt li Triq Ħas Saptan ser tkun lesta fl-ewwel ġimgħat tas-sena 2019.

Bħala xogħol ta' *resurfacing* wkoll din is-sena saret Triq il-Gardell, li l-Kunsill ħa ħsieb li apparti t-triq ibiddel ukoll is-servizz tal-ilma mill-ġdid. Gie kkonfermat ukoll li fis-sena 2019 ser jinghataw wicc gdid Triq Santa Marija, Triq il-Gudja, Triq il-Belt Valletta u l-Bypass. Dawn ix-xoghlijiet huma mistennija li jsiru minn Infrastructure Malta.

Il-Kunsill kompla nvesta billi fejn kien hemm il-ħtieġa li jsiru *U-Bars* bħala protezzjoni fit-toroq tagħna dawn saru bi pjanti magħhom biex b'hekk taw dehra isbaħ lill-lokal. Din is-sena żidna wkoll id-*doggy bins* u *litter bins* madwar Ħal Għaxaq ħalli b'hekk ir-rimi ta' skart abbużiv ikompli jiġi mnaqqas. Reġgħu saru l-*cat kennels* li kellna rispons pożittiv min-naha tar-residenti. Wara diversi snin bi pjaċir nistgħu ngħidu li sar ir-restawr tal-iStatwa ta' Santa Marija fil-Pjazza ta' Hal Ghaxaq bl-ghajnuna tal-Ministeru tal-Kultura, Restawr u Gvern Lokali. Il-Kunsill Lokali ħa ħsieb ukoll li jinvesta f'turf ġdid għall-5-A-Side *mini-pitch* li jinsab fil-*Housing Estate*.

Għall-ewwel darba din is-sena sar presepju b'pasturi ta' qies uman fil-Pjazza prinċipali li dan kien ta' suċċess u kellna rispons tajjeb ukoll mir-residenti. Il-Kunsill ghandu fil-hsieb li jkompli jkabbar dan il-presepju tul is-snin li ġejjin.

---

## ATTIVITAJIET ORGANIZZATI FL-2018

---

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq għat-tielet sena organizza l-attivita tac-*Cheese and Wine Festival* bħala parti mill-attivitajiet marbuta ma' Jum Ħal Għaxaq fl-aħħar Ħadd ta' April. Din saret fi Pjazza St.Marija fejn kien hemm diversi *stands* b'ħafna tipi ta' ġobon u nbid differenti. Għal darba oħra din is-sena l-attivita' saret bil-kollaborazzjoni tal-għaqdiet lokali. Din l-attivita' reġgħet kienet waħda ta' suċċess u l-attendenza kienet waħda tajba. Il-ħsieb tal-Kunsill dejjem ikun li din l-attivita' tibqa' ssir kull sena u tikber fil-popolarita' tagħha.

Għall-ewwel darba ġiet organizzata attivita' marbuta mal-festi tal-Milied fil-Pjazza. Din l-attivita' ntlaqet tajjeb man-nies tal-lokal.

Bħal kull sena l-Kunsill reġa' organizza t-tberik tal-annimali, fejn għal din is-sena kien hemm konkorenza tajba wkoll. Din is-sena wkoll ġie nawgurat il-monument tal-annimali li l-Kunsill ta l-kontribut tiegħu sabiex sar.

## Kultura

Il-Kunsill Lokali dejjem ħaseb sabiex ikabbar l-organizzazzjoni tal-Festi tal-Karnival f' Ħal Għaxaq peress li dan hu qasam li dejjem kien rinomat għalih.

Reġa' ġie organizzat il-Karnival Spontanju Għaxqi fejn għal sena oħra ngħatajna wkoll xi fondi minn skema maħruġa mid-Dipartment tal-Gvern Lokali u l-V18. Bħal kull sena l-attivitajiet saru fil-Pjazza nhar l-Ħadd filgħaxija biż-żfin u l-banda, filwaqt li t-Tnejn u t-Tlieta reġgħu saru l-kompetizzjonijiet għall-aħjar kostum, l-isbaħ maskla, l-aħjar karru, l-aħjar grupp ta' maskarati u premju ghall-*best effort*. Il-Kunsill Lokali għat-tieni sena reġa' ta nċentiv finanzjarju lil min jagħmel karru u jipparteċipa fil-Karnival. Il-kampanja qawwija ta' pubbliċita' fuq il-midja soċjali kienet dejjem akbar sabiex nippromwovu aktar dan il-Karnival uniku f'Malta. Ghall-ewwel darba din is-sena sar il-Karnival tat-tfal, bil-partecipazzjoni tat-tfal tar-rahal fejn dawn hargu jduru fit-toroq libsin kostumi u maskli tradizzjonali. Dan il-Karnival kien wiehed ta' success u l-Kunsill ghandu fi hsiebu li jkompli jkabbar din l-attivita' li se tibda ssir nhar il-Gimgha tal-Karnival filghodu.

L-għan ewlieni tal-Kunsill jibqa dejjem li din l-attivita' li Ħal Għaxaq hu tant magħruf ghaliha dejjem tikber u zzid mas-suċċess tagħha sena wara oħra.

## Sport

Bħal kull sena l-Kunsill Lokali reġa' organizza *Summer School* bil-kollaborazzjoni man-*Nursery* tal-lokal tagħna. Il-parteċipazzjoni kienet waħda tajba ta' 'l fuq minn 40 tifel u tifla. Il-ħsieb hu li jkompli jinvesti fit-tfal u żgħażagħ b'dawn l-attivitajiet ħalli b'hekk jiġu mbegħda minn ċerti vizzji.

## *OQSMA TA' ĦIDMA TAL-KUNSILL*

### Sigurta'

Il-Kunsill Lokali bħal kull sena baqa' jżomm kuntatt regolari mall-Uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija Distrettwali u mal-Gwardjani Lokali biex jiġu diskussi l-problemi relatati mal-qasam tagħhom u nipprevjenu problemi li jistgħu jinqalgħu u wkoll biex inkomplu fejn hu possibbli nedukaw lir-residenti fejn jidħol immaniġġjar fit-toroq u abbużi.

### Ambjent

F'dan il-qasam, din is-sena il-Kunsill ħadem ħafna, kemm fejn jidħol it-tindif ta' toroq, sistemi ġodda għal ġbir ta' skart, sistema ġdida għal ġbir ta' ħwejjeġ bieb bieb, kif ukoll ir-residenti qed ikunu jistgħu jiddisponu minn ħwejjeġ f'reċipjent li jinsab fil-*Housing Estate*, ħalli b'hekk jiġu moqdija bl-aħjar mod possibbli. Installar ta' *cameras* ta' sigurta' fejn l-aktar siti li nħass li jsiru abbużi ta' rimi ta' skart għal aktar kontroll fuq rimi illegali, kif ukoll infurzar.

### Edukazzjoni

Il-Kunsill Lokali għal sena oħra reġa' organizza wkoll il-korsijiet tal-*Lifelong Learning* fejn bħala kors reġa' sar dak tal-Bizzilla u *Arts & Cooking* tat-Tfal. Bil-kollaborazzjoni mal-Agenzija Nazzjonali tal-Litterizmu saru wkoll il-korsijiet ta' Aqra Miegħi, Seħer l-Istejjer, u Il-Ġenituri l-Ewwel Għalliema

Il-Kunsill qiegħed fil-fażi finali sabiex jiġi ppubblikat il-*comic book* għat-tfal.

Ma jonqosx li bħal kull sena il-Kunsill żied ukoll fil-kwantita' u anke varjazzjoni ta' kotba għall-Librerija tal-Lokal. Il-Kunsill ikompli jħeġġeġ lill-pubbliku jinvesti fit-tagħlim u l-qari. Din is-sena l-Kunsill għamel tisbiħ fil-librerija lokali fejn zied xi xkaffar u ghamel xi manutenzjonijiet ohra biex il-pubbliku jkompli jkun moqdi ahjar.

## L-UFFIĊĊJU TAL-KUNSILL U L-KUNTATT MAR-RESIDENTI

Biex il-kuntatt mar-residenti jibqa' jissaħħaħ il-Kunsill ħa ħsieb jorganizza attivitajiet kontinwi matul is-sena. Għal żmien il-Milied giet organizzata ikla għall-anzjani u kuntrarju għas-sena preċedenti l-konkorrenza kienet waħda numeruża.

Bħas-snin preċedenti l-Kunsill ħaseb ukoll biex idaħħal l-ispirtu ferrieħi ta' dawn il-festi u ħa ħsieb jagħmel tiżjin u dekorazzjonijiet tal-Milied fil-qalba tar-Raħal.

Is-servizzi lir-residenti ma naqsux u għal darb oħra erġajna offrejna korsijiet, bqajna nagħtu l-possibilta' li jitħallsu kontijiet tad-dawl u ilma, minbarra dawk li huma b'obbligu tagħna bħal ħlas tal-kirjiet, tal-permessi, liċenzji tal-ħwienet u ċitazzjonijiet. Servizz li għadu jingħata lir-residenti huwa dak ta' rimi ta' skart zgħir elettroniku WEEE fejn għandna *trolley* ġewwa l-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali għad-dispożizzjoni tar-residenti. Il-Kunsill kontinwament qed ikompli jqassam il-boroz tar-riciklagg lir-residenti tieghu.

Matul l-2018 l-Kunsill Lokali rċieva numru sostanzjali ta' lmenti. Minn dawn numru sostanzjali, anzi l-parti l-kbira tagħhom, ġew solvuti, speċjalment dawk fejn jiddependi materji diretti mill-Kunsill Lokali jew jaqgħu fir-responsabbilta' tagħna.

Għalkemm sar progress kbir u r-residenti ssistematizzaw ruħhom mal-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart dejjem għad hemm lok għal edukazzjoni lir-residenti biex isir aktar reċiklaġġ ta' materjal separat, fejn rajna avvanz u koperazzjoni mill-pubbliku minn sena għal oħra. Il-Kunsill għadu joffri wkoll is-servizz ta' ġbir ta' materjal goff li jsir darbtejn fil-ġimgħa, fejn il-ħsieb tal-Kunsill hu li jżied ġurnata oħra s-sena dieħla. Il-Kunsill dejjem jieħu ħsieb is-saħħa tar-residenti u għaldaqstant jixtieq li r-residenti jevitaw li jarmu ħmieġ barra u b'hekk tkun evitata dehra kerha u l-abbużi tal-ħmieġ fil-Lokal jiġu mnaqqsa b'mod drastiku. Avvolja ġew imneħħja l-*bring-in-sites* u rimi abbussiv li kien qed isir ħdejhom, xorta waħda l-Kunsill qed ikompli jaffaċċja l-problema ta' rimi ta' skart kemm domestiku u kemm goff. Għal dan il-għan il-Kunsill baqa' jinstalla *cameras* sabiex dan jigi kkontrollat iżda din il-problema tibqa' tkun li mhux dejjem jiġi dentifikat il-persuna li twettaq dawn l-atti rresponsabbli.

L-għan prinċipali tal-Kunsill hu sabiex jkompli bil-ħidma biex itejjeb is-servizzi kollha li jista' joffri. Mhux faċli li tlaħħaq mal-problemi kollha li jkun hawn fil-lokal, iżda persważi li qed isir dak kollu possibbli sabiex il-liġijiet tal-pajjiż jkunu mħarsa.

## *OQSMA TA' ĦIDMA TAL-KUNSILL*

Ringrazzjament imur lir-Residenti għal koperazzjoni li qed isib il-Kunsill Lokali ħalli b'hekk il-livell miksub f'dawn l-aħħar snin jibqa' kostanti u jikber matul iż-żmien. L-appella għal miljorament dwar l-abbużi madwar il-lokalita' jibqa' peress li sfortunament għadhom iseħħu u li ġieħ lil Ħal Għaxaq dawn ma jagħmlux.

Il-Kunsill Lokali jibqa' jinsisti għall-koperazzjoni mir-residenti sabiex meta jiltaqghu ma' xi forma ta' abbuż dan jiġi mressaq minnufih lill-Kunsill sabiex b'hekk jittieħdu l-passi kollha meħtieġa.

L-Għan prinċipali u ewlieni tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq dejjem jibqa' li jaħdem u jtejjeb minn kull aspett il-ħajja tar-Residenti Għaxqin.

**Fiona Said**
Segretarju Eżekuttiv

.